MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Numru 1065/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**Vs**

Domenic Abela

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Domenic Abela karta ta' identita' numru 211361(M), akkuzat talli:

Fil-Marza, nhar l-24 ta' Novembru 2005 ghal habta tad-9:30 ta' fil-ghodu, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u cioe' barzakka kontenenti flus u affarijiet ohra, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta' Mario Mifsud minn San Gwann;

Nhar l-24 ta’ Novembru 2005, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;

Fl-24 ta’ Novembru 2005, f’dawn il-Gzejjer, ikommetta reat matul il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sentejn prigunerija, liema sentenza kienet giet sospiza ghal perjodu ta’ erbgha snin, u liema sentenza li giet moghtija mill-Qrati ta’ Malta nhar id-9 ta’ Novembru 2005, saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti volontarjament u inkondizzjonament l-akkuza, fl-liema ammissjoni huwa baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat b’serq, ricettazzjoni u li kiser sentenza sospiza. Li l-akkuza ta’ serq u ricettazzjoni hija in alternattiva wahda ma’ l-ohra.

Li stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat issibu ghalhekk hati tal-akkuza ta’ serq u li kkommetta r-reat matul perjodu ta’ sentenza sospiza.

Li wara li semghet lill-imputat u kkonsidrat l-istat psikiku tieghu m’hiex tal-fehma li ghandha timponi perjodu effettiv ta’ prigunerija. Rat l-artikolu 261(c) u (g), 267, 270, 271(g), 279(1), 280(1) tal-Kap 9 u tikkundannah piena ta’ prigunerija ta’ sentejn sospizi ghal 4 snin bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 liema perjodu sospiz jibda’ jiddekorri mill-lum.

Fil-konfront tal-akkuza tal-ksur ta’ sentenza sospiza, jigifieri l-ahhar akkuza, il-Qorti rat l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap 9 u bis-sahha tieghu qeghdha tbiddel dak l-ordni originali billi l-perjodu operattiv ta’ erba’ snin fuq prigunerija ta’ sentejn li l-imputat gie ikkundannat b’dik is-sentenza jibqa’ fis-sehh u jibda jghodd mill-lum.

Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap 9 u b’zieda ma’ dak fuq deciz qeghda taghmel ordni ta' supervizzjoni u tqieghed lill-imputat taht is-supervizzjoni ta’ ufficjal sorveljanti ghall-perjodu kollu tal-perjodu operattiv, jigifieri ta’ erba’ snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------